MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1436/2001/1

**Alexander Micallef**

**vs.**

**Janice Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' Awissu 1995 u sseparaw *de facto* xi disa' xhur wara u legalizzaw is--separazzjoni permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa tal-31 ta' Ottubru 1996.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett billi l-kunsens tal-partijiet huwa vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi wkoll iz-zwieg huwa null minhabba li l-konvenuta eskludiet il-fedelta` u minkejja li zzewget riedet tibqa’ tghix il-hajja ta’ xebba minghajr l-ebda sens ta’ responsabbilta lejn iz-zwieg.

Illi l-attur ma’ kienx jaf dwar dan u meta bdew jimmanifestaw ruhhom id-difetti fuq imsemmija, mill-ewwel taw lok ghall-firda, l-ewwel b’separazzjoni *de facto* u ftit wara b’separazzjoni legali.

Illi ghalhekk l-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-26 ta’ Awissu 1995 (PR Nm. 1218/1995) huwa null u bla effett a tenur tal-Artiklu 19(1) (d) u 19(1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ecccpjenta ma topponix ruhha ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Awissu, 1995 sakemm din ssir ghar-ragunijiet imputabbli solament u interament lill-attur *stante* illi l-kunsens tieghu kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

2. Ma hux minnu li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha;

3. Ma hux lanqas veru illi il-konvenuta eskludiet il-fedelta` u li minkejja li zzewget riedet tghix il-hajja ta' xebba minghajr l-ebda sens ta' responsabbilta` lejn iz-zwieg;

4. Illi ghalhekk il-konvenuta titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara iz-zwieg null u minghajr effett u dan a tenur ta' l-artikolu 19 (1) (d) tal-Att dwar iz-zwieg;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 15 u 16 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tal-4 ta’ Frar 2002, tal-10 ta’ April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, dehret il-konvenuta li nfurmat lill-Qorti li m’ghadiex tigi patrocinata minn Dr Caruana Demajo u l-attur u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, ghalhekk il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur tat-3 ta’ Gunju 2002 u d-digriet tal-Qorti tal-4 ta’ Gunju 2002 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-27 ta’ Novembru 2002 bil-fakolta li l-partijiet jipprezentaw ix-xhieda taghhom bil-procedura tal-affidavits b’terminu ta’ erbghin jum kull wiehed.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn Dr Peter Borg Costanzi ghall-attur talab estensjoni ghall-prezentata tal-affidavits, il-Qorti laqghet it-talba w estendiet it-terminu b’20 jum. Dr Borg Costanzi talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza, il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2003.

Rat in-nota tal-attur tal-5 ta’ Dicembru 2002 fejn prezenta l-affidavits tieghu, ta’ Joanne Said, Angela Allan u Jacqueline Frostick.

Rat li l-konvenuta giet notifikata bl-affidavits attrici fit-12 ta' Dicembru 2002 imma ma prezentat l-ebda xhieda bil-procedura tal-affidavits.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI MIGBURA

Illi fl-affidavit tieghu l-attur **Alexander Micallef** sostna:

*"Jiena zzewwigt ma' Janice Camilleri fis-26 ta' Awissu 1995 u konna ilna nafu lil xulxin ftit iktar minn tliet snin.*

*Ahna konna ltqajna f'disco f'Paceville u ftit wara hi dahlet tahdem il-Menrad u ftit wara hajritni biex nibda nahdem hemm ukoll u fil-fatt jiena dhalt nahdem hemm ukoll. It-tnejn li ahna dhalna bhala machine operators. Waqt l-gherusija nista' nghid li sa fejn naf jien ma kienx hemm problemi hlief fl-ahhar xahar u nofs qabel iz-zwieg.*

*Meta bdejt inhoss id-data taz-zwieg riesqa, jien lilha bdejt naraha li kienet qisha differenti milli kif kienet qabel. F'dak ix-xahar u nofs, meta kont inkellimha kienet tahtafni, namur ftit li xejn anzi bl-oppost u jiena kont nghidilha, "x'gara, x'inqala?" u hi kienet tghidli li dan kien minhabba t-tensjoni tat-tieg. Jiena wkoll kont tensed ghax kien gej t-tieg pero` ma kontx nirreagixxi kif kienet qed tirreagixxi hi.*

*Jiena kont nipprova nzieghel biha u nikkalmaha izda f'dak iz-zmien li kont naghmel kien ghalxejn u dak il-hin jiena accettajt li forsi dan kien veru minhabba t-tensjoni taz-zwieg.*

*Dakinhar taz-zwieg ma nqalghux problemi izda meta morna ghall-honeymoon, qisu t-tensjoni li kellha kien*

*ghadu hemm ghalkemm ikkalmat xi ftit, pero` nista' nghid ukoll illi meta gejna ghall-att taz-zwieg da parti taghha hi kienet tgerger u qiesha kienet iggib skuzi. Nista' nghid illi ahna kien ikollna x'naqsmu qabel ma zzewwigna u sa xahar u nofs qabel iz-zwieg ma kien hemm problema ta' xejn. Il-problema bdiet tqum minn qabel iz-zwieg u anke kompliet matul iz-zwieg.*

*Nista' nghid li matul il-honeymoon, li dam hmistax-il gurnata, daqqa l-affarijiet kienu mexjin tajjeb u daqqa le - ma kienux perfetti l-affarijiet. Jiena kont inhoss li kien hemm xi haga hazina li l-mara ma kienetx qed tirreagixxi tajjeb pero` dak iz-zmien jien kont ghadni zghir u ma kontx naghti wisq importanza, almenu dak il-hin hekk kont qed nahsibha.*

*Meta konna ppjanajna li nizzewgu, konna ntenzjonati li malli nizzewgu mmorru nghixu man-nanniet tieghi, cioe' il-post 3, Triq il-Luq, San Gwann u fil-fatt meta gejna mill-honeymoon morna nghixu hemmhekk. Ghand in-nanna tieghi ahna kellna kamra ghalina fejn konna norqdu u konna niehdu hsieb il-bzonnijiet taghna nfisna ndipendentament min-nanniet.*

*Wara l-honeymoon ghal bidu qisu l-affarijiet qaghdu ftit izda wara ftit taz-zmien il-mara bdiet tgerger ghax ma konniex nohorgu Paceville bizzejjed. Ghalkemm ahna konna ninzlu Paceville hi kienet tkun trid tohrog iktar frekwenti u kienet mohha wkoll biex tohrog filghaxija ma' habiba taghha tax-xoghol.*

*Ghall-bidu jien ma kontx naccetta li hi tohrog filghaxija mal-habiba taghha izda minn hawn jew minn hemm spiccajt biex accettajt. Ghall-bidu bdiet bil-mod u kienet tghidli per ezempju, "ha mmur niehu drink mal-habiba u tigi lura ghal habta ta' nofs il-lejl jew in-nofs siegha izda aktar ma beda jghaddi z-zmien iktar bdiet tohrog frekwenti pero` baqghet tigi lura qisu f'dak il-hin. Jiena kont nilmenta li qed tohrog wisq u kien ikollna argumenti fuq dan.*

*Jiena dilettant tal-football u fil-weekends, nhar ta' Sibt u/jew nhar ta' Hadd, kont niehu gost immur nilghab xi loghba football mal-hbieb, ghalkemm jien ma kellix xi teams partikolari. Meta kont bdejt nohrog mal-mara, cioe' qabel ma zzewwigna, jiena kont inqtajt ftit mill-football izda wara li zzewwigna jiena ddiskutejt mal-mara li xtaqt nerga' nilghab il-football ma' shabi u hi ma sabitx oggezzjoni dwar dan u filfatt imbaghad bdejt immur nilghab il-football fil-ground tal-Luxol f'St Andrew. Konna nilghabu five a side u konna mmorru f'xi t-tmienja jew id-disgha ta' filghodu nhar ta' Hadd u konna mmorru wkoll nhar ta' Sibt wara nofs in-nhar ghal xi s-saghtejn u konna ndumu nilghabu ghal xi siegha. Wara l-football jiena kont immur lura lejn id-dar.*

*Nista' nghid illi l-hrug da parti tal-mara wahedha beda jizdied iktar ma beda jghaddi z-zmien ghalkemm kont nipprova nzomm l-affarijiet kalmi. Darba minnhom pero`, ghal-habta ta' Mejju 1996, l-mara qaltli li kienet qeghedha xoghol bix-shift u li x-xoghol taghha kien se jispicca f'nofs il-lejl. Il-fabbrika fejn konna nahdmu, il-Menrad, u mhijiex il-boghod mid-dar, cioe' hames minuti mixi biss. Dakinhar il-mara talbitni c-cwievet tal-karozza biex hi tigi lura d-dar bil-karozza u jiena tajtomlha u fil-fatt mix-xoghol jiena mort id-dar bil-mixi.*
*Niftakar li dakinhar kien hemm loghoba football fuq it-television u rajtha u x'hin spiccat il-loghoba li kienu ghall-habta ta' xi l-ghaxra u kwart ta' filghaxija qisni bdejt nithasseb hazin fil-mara u ddecidejt li mmur nara jekk il-karozza kienetx ipparkjata fejn il-fabbrika jew biex nara jekk kienx hemm xi hadd xoghol gol-fabbrika. Jiena mort il-fabbrika sibtha maghluqa u kien hemm il-watchman biss. Hadd ma kien qieghed jahdem gol-fabbrika u ghalhekk jien ntbaht li l-mara mhux vera kienet qed tahdem l-overtime kif kienet qaltli. Jien imbaghad mort id-dar u bqajt nistenniha sakemm giet u hi giet id-dar xi nofs il-lejl u ghaxra.*

*Jiena staqsejtha, "kif mort fl-overtime? Nahseb li kellkom hafna xoghol?"  Hi rrispondietni fl-affermattiv*

*u qaltli "ghajjejt hafna". Jiena mbaghad dak il-hin ghidtilha li kont naf li mhux vera li kienet qed tahdem l-overtime u hi nstamtet u telghet 'il fuq torqod u ma taghtni l-ebda sodisfazzjon fejn kienet marret. Ghalkemm irqadna fl-istess sodda pero` ma tkellimniex iktar u konna miksurin. Filghodu meta qomna u kellmitni qaltli li kienet marret tiehu drink mal-habiba izda jiena wrejtha li setghet tghidli li kienet marret billi hi kienet gieli tohrog mal-habiba tiehu drink u l-fatt li ma kienetx qaltli kien hassibni.*

*Il-haga waqfet hemm izda jien imbaghad qisu dahalli suspett u meta bdejt nahseb kif kienet tohrog ta' spiss gieni suspett li qeghedha habiba ma' wiehed li jahdem ix-xoghol maghha. Nista' nghid li dan il-bniedem, cioe' certu Sean Frostic, kienet issemmih hafna fid-diskors il-mara izda meta kienet issemmih kienet tgerger u tilmenta fuqu. Meta gara dan l-incident qisni ssuspettajt li l-mara tieghi fil-fatt mhux veru qed tmur mal-habiba izda kienet qed tmur mieghu u kienet titkellem kontra tieghu biex jiena ma jidhollix is-suspett.*

*Nista' nghid li ftit wara li zzewwigna u qabel ma gara dan l-incident, il-mara kienet hajritni biex jiena nixtri stationary bicycle ghal physical fitness id-dar u fil-fatt jiena kont xtrajtha minghand dan Sean Frostic. Wara dak l-incident fuq imsemmi l-affarijiet ikkalmaw ftit ghalkemm il-mara baqghet tohrog.*

*Xaharejn wara, f'Lulju 1996 il-mara qaltli li tixtieq li jkollna tarbija. Ghandi nghid illi qabel ma zzewwigna ahna konna ppjanajna li malli nizzewwgu nibdew nippruvaw mill-ewwel biex ikollna tarbija izda wara li zzewwigna l-mara qaltli li xtaqet tibqa' tahdem sena ohra qabel ma nibdew nippruvaw ghal tarbija. Pero` f'Lulju 1996, meta l-mara semmietli d-diskors ta' tarbija, dakinhar ahna konna dhalna fid-dejn ghax konna xtrajna kcina u jiena xtaqt li nkunu aktar hfief mid-dejn qabel ma nikkommettu ruhna b'tarbija u ghidtilha b'dan il-hsieb lill-mara u l-mara qisha accettata.*

*Nista' nghid pero` illi kien ikollna argumenti fuq is-sess u konna niggieldu fuqha fis-sens illi hi kienet taghmilli hafna skuzi u meta kien ikollna x'naqsmu kont inhoss qisha li qed taghmel l-att ta' bilfors u ma kien ikun hemm l-ebda partecipazzjoni min-naha taghha. Dan kien totalment differenti minn kif kien qabel ma zzewwigna. Jiena mbaghad iddejjaqt u ghidtilha "bhallikieku qed ikolli x'naqsam ma' bicca njama" u qaltli "jien hekk" u qaltli li hadet ghaliha izda jien m'emmintiex li hadet ghaliha u ghalhekk ergajt bdejt nissuspetta li hemm xi haga ohra.*

*L-affarijiet kienu hzienu u bil-kemm konna nitkellmu. Nixtieq nghid ukoll li r-rutina taghna kienet li wara li konna nispiccaw mix-xoghol jien kont inwassalha ghand ommha Tas-Sliema u jiena kont immur id-dar u iktar tard il-mara kienet iccempilli d-dar u jiena kont ninzel Tas-Sliema nigborha u ngibha lura d-dar u dan bqajt naghmlu regolarment kif kont naghmel qabel. Fit-8 ta' Settembru Janice kienet taghlaq zmienha u jiena xtrajtilha rigal u ghalkemm ma konniex sejrin tajjeb dak iz-zmien jien hsibt li forsi niehu l-okkazjoni biex nirrangaw l-affarijiet.*

*Il-mara hadet gost hafna bir-rigal ghal dak il-hin izda ma tantx dam ghaliex wara ftit qisu kollox gie kif kien qabel u komplejna bil-glied. Xi granet wara dan in-nanna kienet qaltli li kienet innotat il-bagalji taht is-sodda u kienu ppakkjati bil-hwejjeg tal-mara. Jien intbaht li l-mara allura kienet qed tippjana biex titlaq ghalkemm lili ma kienet qaltli xejn. Jien lill-mara m'ghidtitha xejn dwar dan.*

*Ftit granet wara waqt li konna sejrin ix-xoghol billi konna bix-shift mis-saghtejn ta' wara nofs inhar sa l-ghaxra ta' fil-ghaxija, il-mara qaltli li kienet iddejqet fiz-zwieg u jiena rrispondejta li kont l-istess, cioe' li jien ukoll ma kontx ghal qalbi.*

*Hi dak il-hin pront pront qaltli li jiena kelli nircievi ittra minghand l-avukat taghha, Dr Toni Abela, biex*

*nisseparaw minn xulxin. Jiena kont sorpriz dwar dan id-diskors ghalkemm kont naf li ‘l hemm konna sejrin. Ftit wara fil-fatt ircivejt din l-ittra.*

*Jien lil tal-familja tieghi ma kont ghidtilhom xejn pero` granet wara kellimni n-nannu (illum mejjet) u qalli li dakinhar stess kien sema' lill-mara tieghi fuq it-telephone li kienet qed titkellem m'ommha u kienet qed tghidilha li hi ma kienetx kuntenta mieghi u li kienet izzewgitni bil-fors minhabba pressjoni tal-familja taghha u li kieku kien ghaliha ma kienetx tizzewwigni ghaliex ma kienetx thobbni. Naturalment meta n-nannu sema' dan id-diskors u gie ighidli ried ikun jaf x'kien gara u jien ovvjament infurmajtu bl-istorja kollha x'kien gara. Meta spjegajtlu x'kien gara n-nannu esprima l-opinjoni li hu ma riedx lil Janice iktar fid-dar tieghu.*

*Dak il-hin li kellimni Janice kienet ghand ommha billi jien kont wassaltha ghand ommha u fil-fatt jiena cempiltilha ghand ommha u rrisponda t-telephone huha u nfurmana li hi ma kienetx ghand ommha u hallejna risposta biex iccempel lura. Xi erba' sighat wara Janice cemplet u fthemna li dakinhar stess tigi ghall-affarijiet taghha tehodhom u tmur lura ghand ommha. Fil-fatt hekk gara u hadet il-bagalji li kien hemm lesti u giet akkompanjata ma' pulizija ghalkemm hi ma kellhiex bzonn taghmel hekk.*

*Minn hemm jiena mbaghad ikkutattjat lill-avukat tieghi u ftit wara ghamilna s-separazzjoni u fil-fatt il-kunratt gie ffirmat fil-31 ta' Ottubru 1996.*

*Nixtieq inzid ukoll illi eventwalment jiena ghamilt kuntatt mal-mara ta' Sean Frostic, li jisimha Jackie Frostic, u meta ddiskrivejtilha mien xiex kont ghaddejt, hi qaltli li zewgha kien ikellimha u jsemmi lil mara tieghi fid-diskors u kien jghid ukoll kontra taghha biex ma jkollhiex suspett fuq Janice. Hi kellha suspett li zewgha qed ikollu relazzjoni ma' mara ohra pero` ma kellhiex suspett li din kienet Janice.*

*Qaltli wkoll li sabet xi cwievet ta' flat u kienet ghamlet kopja bhalhom u stenniet l-okkazjoni biex tmur go dan il-flat u fil-fatt hekk kienet ghamlet u sabet lil Janice u lill-zewgha flimkien fil-flat f'cirkustanzi suspettuzi hafna.*

*Dak il-hin hi ggieldet ma' Janice u r-ragel talabha mahfra u Ii jergghu jigu lura flimkien. Qaltli wkoll illi Janice baqghet tigri wara zewgha u anke kienet iccempillu regolarment id-dar u ssaqsi ghalih u ghalkemm Jackie kienet tghidilha biex ma ccempilx hemmhekk, Janice hekk kienet taghmel sakemm spicca biex Sean Frostic rega' ma' Janice u ghadhom flimkien sallum u ghandhom tarbija minn din ir-relazzjoni ta' bejniethom.*

*Nixtieq inzid ukoll illi Sean Frostic jahdem il-Menrad u kien beda jahdem hemm ftit xhur qabel ma zzewwigna.*
*IIlum il-gurnata jiena nghid illi mill-mod kif trattatni l-mara, minn dak ix-xahar u nofs qabel ma zzewwigna diga' kien hemm xi affari bejnha u bejn dan Sean Frostic ghaliex minn dak iz-zmien hzienu r-relazzjonijiet ta' bejnietna u meta nhares lura lejn kif graw l-affarijiet, ahjar ma zzewwigniex ghax inhoss Ii hi rrovinatli hajti.*

*Nixtieq nikkumenta dwar xi affarijiet li naf Ii l-mara thobb issemmi:*

*Il-mara naf Ii kienet tghid Ii jien bdejt nitlef l-interess fiha u fiz-zwieg u kont nippreferi mmur il-football u ghat-training. Dan assolutament mhuwiex minnu. Matul iz-zwieg dejjem kont jien li naghmel l-ewwel pass izda min-naha taghha kienet hi Ii dejjem issib l-iskuzi u li kienet bierda minni. Ghar-rigward tal-football u ttraining, jiena kont immur nilghab il-football darba jew darbtejn fil-gimgha ghal siegha jew ftit iktar kull darba u ma kontx immur training. Il-football bl-ebda mod ma kien jinterferixxi mar-relazzjoni ta' bejnietna.*

*Il-mara kienet tkun trid tohrog u kienet tkun trid tmur certu postijiet u tilbes b'mod provokattiv u jiena kont niddejjaq li mmorru f'certu postijiet hekk fejn l-irgiel joqghodu jittantawli lill-mara u kont nippreferi li jekk nohorgu mmorru x'imkien fejn nistghu niehdu gost u fuq dan gieli kien ikollha xi nghidu pero` konna nohorgu u nippruvaw insibu soluzzjoni li tkun tajba -ghat-tnejn li ahna.*

*Nista' nzid ukoll li lejn l-ahhar cioe' ghall-habta Awissu/Settembru 1996, meta r-relazzjonijiet bejnietna ma kienu xejn tajbin, niftakar li darba minnhom il-mara kienet ghamlet xi gurnata d-dar fis-sodda u dakinhar inzerta kellna barbeque tax-xoghol u jien mort ghall-barbeque izda fl-opinjoni tieghi il-mara ma kellha xejn gravi u fil-fatt l-ghada harget normali.*

*Il-mara wkoll naf li qalet li hi kienet titla' torqod fl-ghaxra ta' bil-lejl u li jien kont nibqa' nara t-television sas-siegha ta' filghodu. Dan assolutament mhux minnu u hija gidba. Anzi jien pjuttost kont inkun fis-sodda qabilha u kienet hi li kienet iddum biex tigi fis-sodda jew ghax kienet tohrog mal-hbieb jew inkellha ghax kienet toqghod tara l-programmi bhal ta' Jerry Springer u Sex Files imbaghad meta tigi fis-sodda ma tkunx trid ikollha affari mieghi.*

*Meta kienet xebba Janice kellha qattus u wara iz-zwieg hi gabitu maghha. Nista' nghid illi hi kienet tistma lill-qattus iktar minni u taghtih iktar importanza minni. Meta jiena kont nghidilha hekk hi kienet tiehu ghaliha u kienet tghid bhallikieku jien ma kontx inhobb lill-qattus taghha izda fit-fatt dan mhuwiex il-kaz. Jiena fil-fatt kont niehu hsieb dan il-qattus u gieli kont noqghod nilghab mieghu kif xi kultant wiehed jaghmel ma' qattus.*

*Jien nista' nghid illi r-raguni ta' l-annullament hi fil-fatt illi sa xahar u nofs qabel ma zzewwigna l-mara tieghi kienet differenti. Minn dak iz-zmien 'il quddiem il-mara qisha nbidlet u kienet persuna ohra. Ma kienetx il-persuna li jiena ridt nizzewweg u kieku kont naf kif se*

*ggib ruhha mieghi zgur li ma kontx naccetta li nizzewwigha u jiena jiddispjacini li hi ma kienetx onesta mieghi u qaltli mill-ewwel x'kienet qed tahseb u x'kienet qed taghmel wara dahri. Illum il-gurnata jien qieghed steady ma' Alexandra Schembri u ili nohrog maghha minn Frar 1998 mentri Janice baqghet ma' Sean Frostic u jghixu flimkien u fil-fatt ghandhom tarbija ta' ftit iktar minn sena."*

Illi gew prezentati wkoll tlett xhieda ohra mill-attur li lkoll taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit, u dawn huma: Joanne Said, Angela Allan u Jacqueline Frostick.

## (B) IL-KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attur qed titlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed isostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li l-partijiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu u peress li l-konvenuta eskludiet il-fedelta` u minkejja li zzewget riedet tibqa' tghix il-hajja ta' xebba minghajr l-ebda sens ta' responsabbilta` lejn iz-zwieg u dan kollox ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

## (C) PRINCIPJI LEGALI.

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) u tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur jissottometti li z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni*

*ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibbilta` ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995); "**Theresa Mangion vs Keith Mangion**" (P.A. (RCP) 30 ta' Dicembru 2002 Cit Nru: 356/01/RCP).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non*

*si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** "**Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia***, **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "***Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"***, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinto all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un'*

*affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (*op. Cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual*

*well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita` bejniethom *"the community of life and love"*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.
Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi fuq kollox jidher li dan iz-zwieg kien nieqes minn dak li fil-kawza fl-ismijiet **"Josette Farrugia vs Grazio Farrugia"** (P.A. (N.A.) 13 ta' Lulju 2001) gie deskritt b'dan il-mod:-

*"kien nieqes mill-konoxxenza ghall-futur li jgib mieghu iz-zwieg u li jittraduci ruhhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u l-fiducja, il-permanenza taz-zwieg u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin".*

Illi fil-kuntest ta' dak li inghad fir-rigward tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** japplika wkoll dak li 'nghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) u cjoe':-

*"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jghati il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-*

*zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mario Testa vs Louise Testa Polster"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirnizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

**(D) APPREZZAMENT TAL-PROVI**

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-26 t'Awissu 1995 wara li kienu ilhom jaf lil xulxin ghall-ftit aktar minn tlett snin, izda damu biss jghixu flimkien xi sena jew ftit aktar ghaliex isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 31 ta' Ottubru 1996, u llum it-tnejn li huma ghandhom relazzjonjiet rispettivi ma terzi persuni, u l-konvenuta wkoll ghandha tarbija minn mal-persuna li tikkoabita` maghha.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuta ma kellhiex mohha car dwar iz-zwieg taghha mal-attur, tant li wara l-istess avveniment hija batiet hafna sabiex tissodisfa r-rwol taghha ta' mara mizzewga, tant li kienet tinsisti li tohrog waheda, u sabiex tevita s-suspetti tal-attur, anke kienet iggib skuza li kienet xoghol, meta dan ma kienx ikun minnu. Din tidher li kienet ghal kollox *messa in scena* peress li jidher li l-konvenuta kienet migbuda lejn persuna ohra, ma min eventwalment spiccat ikollha relazzjoni, li ghadha tezisti sallum.

Illi jidher ghalhekk li l-konvenuta ma kellha ebda gibda partikolari lejn l-attur, u dan huwa wkoll manifestat bl-iktar

mod skjet meta lejn l-ahhar ta’ din ir-relazzjoni taghha mal-attur, l-attur sema’ lill-konvenuta tghid lill-ommha: “*Li ma kienitx kuntenta mieghi u li kienet izzewgitni bil-fors minhabba pressjoni tal-familja taghha u li kieku kien ghaliha ma kienitx tizzewwigni ghaliex ma kienitx thobbni*”.

Illi dan jindika b’mod palez li r-raguni vera ghaliex il-konvenuta ghamlet dan il-pass mal-attur ma kientix dik ta’ mhabba u tfittxija ghall-unjoni dejjiema mal-attur, izda biss sforz il-pressjoni li hija hasset fuqha, li peress li hi kienet ilha tohrog mal-attur, allura kellha tizzewwgu, dan ammonta wkoll minn pressjoni zejda mill-genituri taghha. Ovvjament dan kollu zammitu mistur mill-attur, izda mhux ghal kollox, peress li wara z-zwieg taghha mieghu, hija ghamlet dak li setghet sabiex tevita kuntatti mieghu kemm jista’ jkun, u wkoll kienet spiss tfittex li tahrab minnu b’kull mod, u dak li huwa sinifikanti huwa wkoll li jidher li fittxet il-konfort u addirittura relazzjoni ma haddiehor.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-istess konvenuta kienet adebita b’difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, tant li fis-sitwazzjoni li hija dahlet fiha, fejn ghall-diversi ragunijiet ippressat ruhha sabiex tizzewweg lill-attur meta kienet taf li ma kienitx thobbu, hija kellha difett serju fil-fakoltajiet emozzjonali, volittivi w analitici taghha, li ma kinetx kapaci fil-mument taz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u li in verita` hija kellha ghazla jekk tizzewwigx jew le lill-attur, b’mod li x-xelta libera sabiex tidhol ghal dan il-pass ma kienitx ghaliha tezisti, il-konsegwenza tal-istess hija li l-kunsens taghha gie moghti f’mument fil-hajja tal-konvenuta li hija ma setghetx lanqas tifhem il-kwalita` ta’ relazzjoni li hija kienet dahlet ghaliha mal-attur.

Illi fil-fatt l-atti kwazi kollha taghha matul iz-zwieg, jikkonfermaw li lanqas disposizzjoni ma kellha sabiex tonora u tissana t-tip ta’ hajja konjugali li jirrikjedi zwieg veru, izda wriet mal-ewwel li ghaqda ta’ dan it-tip mal-attur certament ma kienetx kongenjali ghaliha, ghaliex l-element ta’ mhabba, unjoni u fedelta` ken nieqes minnha kompletament fil-konfront tal-attur.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg ghadu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss ‘nkwantu huma inkompatibbli ma dak fuq premess u deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-26 ta’ Awissu 1995 (PR Nm. 1218/1995) bhala null u bla effett a tenur tal-**Artiklu 19(1) (d) tal-Att dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.
**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------